MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 939/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs.**

**1.John Bonnici (K.I. 26151(M)) u 2. Elizabeth Dickson Bonnici (KI 225500(L)) bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 t'Ottubru, 2014 li bih Bank of Valletta p.l.c. (C2833) (minn issa 'l quddiem imsejħa "is-soċjetà attriċi"), u Joseph Caruana (KI 709057(M)) għan-nom u in rapprezentanza tal-istess soċjetà attriċi kkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra ġie premess u mitlub li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti, fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cachia, datati 26 ta' Frar 1998 (Dok. "A" u Dok. "B") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil John Bonnici u l-mejta Elizabeth Bonnici.*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici, fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, tmien mija u tnax-il euro u tmenin ċenteżmu (€75,812.80), kwantu għas-somma ta' erbgħin elf u disgħa u tletin euro u sittin ċenteżmu (€40,039.60) bilanċ għad-debitu fil-"Loan accounts" ta' John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici (Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-12 ta' April 2014 sad-data tal-effettiv pagament u kwantu għas-somma ta' ħamsa u tletin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€35,773.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici (Dok. "D1 sa D5") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Awissu 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (eżibiti bħala Dok "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti John Bonnici u Elizabeth Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Frar, 2011, li kopja taghha qed tiġi hawn eżibita u mmarkata bħala Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raguni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

*(i) tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici:*

*(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratti,*
*(b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,*
*(ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess John Bonnici u Elizabth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*(ii) Tikkundanna lil John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici jħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjetà attrici s-somma ta' ħamsa u*

> *sebgħin elf, tmien mija u tnax-il euro u tmenin ċenteżmu (€75,812.80), kwantu għas-somma ta' erbgħin elf u disgħa u tletin euro u sittin ċenteżmu (€40,039.60) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C 4"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-12 t'April, 2014 sad-data tal-effettiv pagament; u kwantu għas-somma ta' ħamsa u tletin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€35,773.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici (Dok. "D1 sa D5") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Awwissu 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

Rat illi r-Rikors Maħluf ġie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi.

Rat l-affidavit ta' Joseph Caruana li għandu r-rappreżentanza legali tas-soċjetà attriċi.

Semgħet bil-ġurament lil Rose Cortis, Litigation Officer mas-soċjetà attriċi li kkonfermat li minn meta ġie ppreżentat ir-Rikors Maħluf ma sar ebda depożitu u li għalhekk l-ammont għadu kollu dovut.

Semgħet lill-avukat tas-soċjetà attrici.

Eżaminat l-atti tar-Rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw mistħoqqa.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti, taqta' u tiddeċiedi billi:

**<u>Decide</u>**

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attrici kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti msemmija, billi l-konvenuti John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mas-soċjetà attriċi billi l-istess konvenuti naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess soċjetà attriċi;**

**Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici jħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lill-Bank attur is-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, tmien mija u tnax-il euro u tmenin ċenteżmu (€75,812.80), kwantu għas-somma ta' erbgħin elf u disgħa u tletin euro u sittin ċenteżmu (€40,039.60) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-12 t'April, 2014 sad-data tal-effettiv pagament u kwantu għas-somma ta' ħamsa u tletin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€35,773.20) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' John Bonnici u Elizabeth Dickson Bonnici bħala eredi tal-mejta Elizabeth Bonnici flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Awwissu 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**
**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------